# Il-fatturi ewlenin biex fl-1901 bdiet tinbena l-faċċata l-ġdida tal-Knisja Parrokkjali



*Pavaljun antik li juri l-knisja tal-Gudja bil-kampnar fuq il-faċċata.*

Il-knisja parrokkjali tal-Gudja nbniet fit-tieni nofs tas-seklu sbatax. Kienet waħda mill-aħħar xogħolijiet li fassal Tumas Dingli. Il-partijiet prinċipali tal-knisja kienu tlestew fi żmien għaxar snin, iżda l-kumplament baqa' jinbena bil-mod, u sakemm tlestiet minn kollox u nħeles id-dejn kienu għaddew fuq mitt sena.

Il-knisja nbniet f'għamla ta' salib u kellha torri kwadru fuq in-naħa tax-xellug tal-faċċata. Il-ftit tifkiriet ta' dan it-torri (kampnar li jispiċċa b'saqaf ċatt) huma dettalji manuskritti f'rapporti ta' visti pastorali u f'supplika li kienet saret lill-Mons Isqof Pace Forno. Din turi kemm kien jinsab fi stat ħażin dan it-torri u fl-istess waqt titlob lill-Isqof biex japprova l-bini ta' kampnar ġdid u l-ħatt tal-qadim. Tifkira aktar ħajja ta' dan it-torri hija pittura tal-misraħ tal-knisja fejn it-torri ngħata post prominenti u ċentrali.

It-talba li saret kienet eżaminata minn esperti li ħatar l-isqof. Dawn fir-rapport tagħhom qablu li t-torri hu f'kundizzjoni ħażina ħafna. Huma faħħru wkoll id-disinn tal-kampnar il-ġdid li kien tfassal minn perit Ingliż William Baker. Id-digriet ta' l-approvazzjoni ħareġ bil-kundizzjoni li jinbena mingħajr ma jmiss mal-bini tal-knisja eżistenti, li t-torri ta' fuq il-faċċata ma jinħattx qabel ma jkun lest il-ġdid, u li din l-opra ssir biss mill-kontribuzzjonijiet tal-poplu u mhux minn xi dħul jew fondi oħrajn tal-knisja.

Fl-1860 il-kampnar il-ġdid ta' Baker kien lest. Matul is-sena ta' wara tqiegħdu fih il-qniepen u l-arloġġ u waħħlulu kalamita biex tipproteġih mis-sajjetti. Din kienet tibqa' nieżla għal ġo bir li kien tħaffer apposta ħdejn il-kampnar stess. It-torri ta' fuq il-faċċata kellu jara t-tmiem tiegħu hawn. Billi l-faċċata kienet ġiet tidher sempliċi ħafna mingħajr it-torri, bnew gwarniċa wiesgħa fuq il-faċċata kollha bi frontispizju fuqha. Fuq il-frontispizju tqiegħed salib fuq pedestall tal-ħaġar. Tifkira tal-knisja ta' kif kienet tidher f'dan l-istadju għandna wkoll. Għall-ħabta ta' l-1880 xi ħadd fettillu jieħu ritratt u jipproduċih f'kartolina ta' lewn kannella.

Il-kundizzjoni ewlenija, dik li l-kampnar il-ġdid kellu jinbena mingħajr ma jmiss mal-knisja, ma kinitx osservata. Kemm biex jiffrankaw l-ispiża tal-ġebel, kif ukoll ix-xogħol u t-tbatija, il-pilastru tat-tarf tal-kappellun tas-sagrament intuża biex miegħu tqabbdu t-tliet ħitan l-oħrajn tal-kampnar sal-livell eżistenti tiegħu, u minn hemm 'il fuq kompla jerfa l-piż tas-sekonda u t-terza ordni. Ġara li f'qasir żmien il-kappellun tas-Santissmu Sagrament beda jħoss. Kif ngħidu d-dnub ma jorqodx u hekk ġara hawn. Il-pilastri, il-ħitan, u t-trollijiet tal-kappellun ma kinux oriġinarjament imfasslin biex jerfgħu dak il-piż enormi tal-kampnar il-ġdid. Bdew jitfaċċaw kunsenturi mal-kappellun kollu. Kien hemm il-biża' li l-

kappellun tas-Sagrament jiġġarraf.

Billi bdiet tinħass ċerta urġenza, twaqqaf kumitat biex jiddeċiedi x'għandu jsir mingħajr wisq telf ta' żmien. Dan il-kumitat kien iffurmat mis-Saċerdoti tal-parroċċa u l-prokuraturi li jagħtu servizz fl-istess knisja. Il-fehma tal-kumitat kienet li jinħatt il-kampnar ta' Baker biex titrażżan il-ħsara li kienet qed iġġarrab il-knisja, u tinbena faċċata ġdida b'żewġ kampnari.

Mill-kliem tas-supplika wieħed jissuspetta li x-xogħol kien beda qabel. Min-naħa l-oħra, il-perit li kien fdat f'idejh ir-rapport biex jivverifika dwar ir-rikors, tkellem biss dwar il-ħsarat fil-kappellun, u lanqas semma kelma waħda dwar il-faċċata. Iżda minn korrispondenza li dehret fil-ġurnali ta' dak iż-żmien, jidher ċar li x-xogħol fuq il-faċċata kien inbeda mingħajr ma sar l-l-ebda rikors, u bl-ordni ta' l-Isqof kellu jieqaf. Dan li ġej juri l-proċeduri formali li saru wara.

Fl-1 ta' Lulju 1901, il-kappillan Dun Franġisk Saverju Mifsud, f'isem il-kumitat ressaq it-talba lill-Isqof biex isir dan ix-xogħol. Il-punti prinċipali li semma fis-supplika huma dawn –

- *Minħabba li l-kampnar li nbena fl-1860, inbena jserraħ fuq il-pilastru eżistenti tal-kappellun tas-Sagrament, qed jikkawża konsenturi gravi fl-istess kappellun u s-saqaf tiegħu. Għalhekk, nies tas-sengħa huma tal-parir li l-kampnar jitneħħa, akkost li l-knisja titħalla mingħajr kampnar.*
- *Fis-16 ta' Ġunju li għadda, għamilt laqgħa pubblika biex il-poplu jkollu l-fakulta' li juri l-opinjoni tiegħu. Fl-istess waqt ta' din l-okkażjoni saret ġabra li tammonta £175. Fit-23 ta' Ġunju saret ġabra oħra ta' £17, u fit-30 ta' Ġunju saret oħra u laħqet £7.10s. Dawn ma nġabrux kollha dak il-ħin, iżda ħafna kienu li nkitbu biex jagħtu dak li wiegħdu kuljum, fil-ġimgħa, fix-xahar jew fis-sena.*
- *Kien kostitwit kumitat presedut minni u ffurmat mir-Reverendi Saċerdoti tar-raħal u l-prokuraturi li jservu fl-istess knisja. Il-membri kollha kellhom l-istess responsabbiltà fid-deċiżjonijiet. Bil-parir u l-kunsens unanimu tagħhom issuspendejt l-infiq kollu ta' lussu u briju fil-festi. Il-ġbir kollu li jsir, barra minn dak għall-erwieħ, għandu jmur kollu għal din l-opra. Il-ġbir li kien sar diġà għall-festi ta' barra f'Santa Marija (£9.6s.3d) kienu wkoll konsenjati għal din l-opra.*
- *Il-kelliemi, għall-benefiċċju ta' din l-opra, jissuġġerixxi wkoll li l-ġbir mis-siġġijiet li jsir fil-knisja jmur għall-istess għan. Dan kellu jħalli madwar £20 fis-sena.*
- *Mill-imsemmijin fondi, il-kelliemi għandu l-isperanza li fi żmien sentejn ikollu f'idejh is-somma ta' £230. Minn din is-somma għandu f'idejh diġa £50.*
- *Il-kelliemi ried kieku jibda x-xogħol fuq din l-opra mhux qabel ma jkollu f'idejh mhux inqas minn £300. Iżda l-poplu b'rieda u fehma qawwija jrid li jibda x-xogħol, u għalhekk kulħadd lest biex imidd idejh, iwiegħed u jislef għal dak li jkun jinħtieġ.*
- *Il-kelliemi qiegħed juri wkoll lill-Eċċ. Rev., prospett ta' l-opra kif tfassal mill-perit Karlu Farrugia, u jinsab mehmuż. L-istima tal-perit għal din l-opra hija ta' £1000. Dan il-prospett tpoġġa wkoll fis-sagristija għall-kritika tal-pubbliku u ntlaqa' b'approvazzjoni kbira.*
- *Il-kelliemi jaħseb li għadu 'l bogħod fil-ġbir tal-fondi biex jilħaq din is-somma. Imma skond il-pjan imfassal, għandhom ikunu kuntenti l-parruċċani kif ukoll ma titgħabbiex il-knisja b'xi dejn. Ix-xogħol jista' jinbeda mingħajr spejjeż. Spejjeż ma jsirux qabel ma l-kumitat ikun ġabar 'il fuq minn £300. Għalhekk, bil-kunsens tiegħek Eċċ., l-imsemmi proġett jista' jsir u jitlesta qabel ma titneħħa ġebla waħda mill-faċċata eżistenti. Il-poplu lest bi ħġaru biex jibni din l-opra b'idejh stess, u jekk mhux kulħadd, fil-Ħdud u l-festi żgur, għax fil-bqija tal-jiem tal-ġimgħa jridu jaqalgħu l-għixien tagħhom.*
- *Il-Kelliemi jemmen li b'dan il-pjan, il-ġbir u l-kontribuzzjonijiet tal-poplu u benefatturi oħrajn, mhux biss issir u titlesta din l-opra, iżda jissogra jgħid u jemmen li l-pjan ma jistax ifalli u jgħabbi l-knisja b'xi piż. Iqis ukoll li l-istima tal-perit hi xi ftit esaġerata, jew qed tkopri wkoll l-ispejjeż ta' lussu, li jistgħu jsiru wkoll wara, meta wieħed ikun jista' jagħmel kapriċċ. Il-fatt huwa li biex isir il-bini prinċipali tal-prospett li ppreżentajtlek (bil-ġebla mwassla fuq iż-zuntier tal-knisja), il-bennej Indri Azzopardi minn Ħal Luqa talab is-somma ta' £200. Huwa ma jippretendix li tagħtih il-permess biex ikompli jaħdem fil-festi, flimkien man-nies li jħaddem nhar ta' xogħol. Dan naturalment biex jiggwadanja xi ħaġa iżjed mas-somma li talab. Anzi, b'dan il-prezz wiegħed li jniżżel il-qniepen*



***Ritratt meħud lejn tmiem is-Seklu 19 li juri il-misraħ tal-Gudja bil-faċċata tal-knisja qabel ma bdiet tinbena l-ġdida.***

*mill-kampnar attwali u jtellagħhom fil-ġodda. Barra minn hekk, il-poplu ma ħabbilx rasu biex jibda x-xogħol. Wara kollox, jekk minħabba xi inċident mhux previst, il-poplu jaqta' qalbu u din l-opra tieqaf nofs triq, u l-kumitat ma jkollux min ikompliha, ikollu dejjem f'idejh biżżejjed biex iħott il-bini jew iwitti l-pedamenti, u l-proġett jitwarrab, u jkollu jikkuntenta bil-faċċata l-qadima. Imma kif issemma diġà qabel, il-kumitat għandu f'idejh £50, u speranza qawwija li fi żmien sentejn ikollu £230 – flus li mhux fi ħsiebu li jonfoq, jekk mhux bħala l-aħħar spejjeż ta' din l-opra.*

- *Il-kelliemi jemmen li huwa d-dover tiegħu li jitlob lill-Eċċ. Rev. dwar ir-rieda mill-qalb tal-parruċċani tiegħu, li jirrinunzjaw il-briju u divertiment li soltu jsir fil-festi esterni, offrew kull ma setgħu mill-ftit li għandhom u jwiegħdu li jaħdmu f'jiem ta' festi u preċett, mingħajr ħlas u għal din l-opra, kull wieħed skond is-sengħa tiegħu. Il-kelliemi bir-rispett kollu jitbaxxa jbus iċ-ċurkett imbierek u jitlob l-Eċċ. Tagħha, biex jekk huwa għall-aħjar u mistħoqq, jawtorizżalu l-bini tal-faċċata l-ġdida, u biex fil-mument opportun, iħott il-faċċata l-qadima u l-kampnar, u ma jċaħħdux milli jaħdem f'jiem ta' festa u fil-privat, u jċedi l-gwadan għall-benefiċċju ta' l-opra, jiġifieri għall-poplu li lest jaħdem b'xejn f'din l-opra.*

*Casal Gudia 1 Luglio 1901*
*Francesco Saverio Mifsud Parroco*